MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru 6666/2009

**Carmelo sive Charles Sammut**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Illum, 1 ta’ April 2009

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Carmelo sive Charles Sammut tat-12 ta’ Gunju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-4 ta’ Gunju 2008 u tghaddi sabiex tordna lill-Kummisarju tal-Pulizija imexxi bi proceduri kriminali kontra l-Ispettur Kevin Farrugia talli bil-

hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita` kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti ai termini ta' l-artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza msemmija ta' l-4 ta' Gunju 2008;

Rat l-atti kollha relevanti;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Dottor Edward Debono gahr-rikorrent u ta' l-Avukat Dottor Nadine Sant ghall-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, li tahtu ingieb ir-rikors promotur tat-23 ta' Awissu 2007, jipprovdi:

**"Jekk, fil-kazijiet li fihom it-tmexxija ta' l-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Esekuttiva, din ma tkunx trid tagixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun ghamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Magistrati li jigi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proceduri mehtiega; u jekk il-qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela, ghandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-registratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li taghti ghaldaqshekk.**"

Fil-proceduri ta' *challenge* fl-ismijiet **Joseph Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Novembru 2003, intqal dwar il-procedura tac-*challenge*:

**"i. Il-procedura hekk imsejha 'tac-*challenge'* kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali hi, f'certu sens, procedura straordinarja. Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u**

**tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa *ex officio* fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-*challenge* – li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata – trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.**

**"ii. L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi 'wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt' li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti <u>specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela</u> li d-denunzjant jew min jaghmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Din il-Qorti tifhem li dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat <u>jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu l-kwerelant jitlob li jittiehdu passi</u>."**

L-ewwel Qorti ddecidiet li kienu nieqsa l-elementi mehtiega sabiex wiehed ikun jista' jaghmel *challenge* lill-Kummissarju tal-Pulizija. Issa, fl-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Mejju 2007 li antecediet ic-*challenge*, Sammut ma specifikax id-delitt jew delitti li dwarhom ried li jittiehdu passi. Skond l-ittra ufficjali, huwa kien qieghed jilmenta li l-Pulizija kienet qed tagixxi "ultra vires" meta kienet qed tibqa' takkuzah ripetutament bi ksur ta' kondizzjoni tal-licenzja meta hareg karozzi fit-triq ghall-bejgh. Bl-ittra ufficjali Sammut sejjah lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu l-passi necessarji skond il-ligi "biex dan l-abbuz jieqaf immedjatament". Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, "l-

ittra ufficjali aktar kienet att gudizzjarju preliminari qabel tkun intavolata procedura quddiem il-Qorti Civili, bhal per ezempju, taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12."

Tant dan hu minnu illi kien biss fin-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata minn Sammut quddiem l-ewwel Qorti li gew indikati d-delitti li dwarhom kien qieghed jippretendi li jittiehdu passi, senjatament l-artikoli 135 u 138 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza wkoll ghall-artikolu 141 tal-Kap. 9. Imbaghad fir-rikors tieghu quddiem din il-Qorti naraw *shifting of goal-posts*, peress illi t-talba giet mibdula sabiex jittiehdu passi ghad-delitt kontemplat fl-artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif intqal fid-decizjoni precitata **Joseph Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija**:

**"...il-procedura in kwistjoni m'ghandhiex isservi bhala *a fishing expedition* biex wiehed jipprova jara x'jirrisulta mill-provi (jekk jinstemghu provi, ghax il-Qorti tal-Magistrati tista' tiddispensa mis-smigh tal-provi) biex imbaghad dik il-Qorti tiddeciedi hi d-delitt li fir-rigward tieghu l-Pulizija Ezekuttiva ghandha tipprocedi. Fi kliem iehor, id-delitt li dwaru jista' jsir l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Artikolu 541(1) irid ikun wiehed li jkun gie predikat b'mod car fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela."**

L-ittra ufficjali msemmija mhux biss ma tispecifikax id-delitt jew delitti li dwarhom Sammut ippretenda li l-Kummisarju tal-Pulizija jagixxi, izda sahansitra l-iskop ta' dik l-ittra ufficjali u tac-*challenge* sussegwenti hu biex jiddezisti milli jagixxi ulterjorment kontra tieghu. Jigifieri, kif qalet l-ewwel Qorti, il-Kummissarju tal-Pulizija "qed ikun iccelingjat talli agixxa zzejjed."

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Carmelo sive Charles Sammut kif migjuba fir-rikors tieghu tat-12 ta' Gunju 2008 u tikkonferma fl-intier id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Gunju 2008.

Tordna notifika ta’ dan il-provvediment lir-rikorrent, lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------